SUPPLIMENT SPEĊJALI

IS-SEHEM TA L-GĦAWDXIN

# SAN ĠORĠ PRECA



*L-Ewwel Iben Kanonizzat ta' din l-Art Ħelwa tagħna!*





*Suppliment ikoordinat mis-Sur **Bennie Mercieca**, Superjur tal-M.U.S.E.U.M, delegat ta' l-Isqof ta' Għawdex fil-Kumitat Ċentrali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta responsabbli mill-festi marbuta mal-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca u Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv tad-Djoċesi Għawdxija.*

## Il-Ħadd, 3 ta' Gunju, 2007, festa tat-Trinità Qaddisa

- Jum ta' ferħ kbir qaddis għall-Membri tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M.!
- Jum ta' grazzja speċjali minn Alla l-Imbierek għall-Knisja Kattolika fil-Gżejjer Maltin!
- Jum ta' barka smewwija għall-Knisja Universali!
- Jum storiku għall-Gżejjer Maltin!

Quddiem l-akbar folla ta' Maltin u Għawdxin li qatt inġabret flimkien fi Pjazza San Pietru, fil-Vatikan, f'xita kontinwa ta' ilma, iżda f'atmosfera ta' ferh u entużjażmu ġenwin, il-Qdusija tiegħu, l-Papa Benedittu XVI, Kap Suprem tl-Knisja Kttolika u Vigarju ta' Kristu, ddikjara lill-Beatu Ġorġ Preca, Saċerdot u Fundatur tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. bħala l-ewwel Qaddis Kanonizzat Malti.

Kien mument ta' kommozzjoni kbira għalina, pellegrini Maltin u Għawdxin! Dmugħ ta' ferħ qaddis, tbissima ta' sodisfazzjon spiritwali, ċapċip ta' approvazzjoni u tixjir ta' bnadar u *banners* Maltin, laqgħu l-proklamazzjoni ta' **DUN ĠORĠ** bħala Qaddis tal-Knisja Universali. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha ta' elfejn sena ta' Kristjaniżmu, il-Knisja Maltija kellha l-ewwel Qaddis Kanonizzat tagħha: **SAN ĠORĠ PRECA**.

Jalla, permezz ta' din il-ġrajja providenzjali, kif ħeġġuna l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali li ħarġu apposta għal din l-okkażjoni bid-data tad-9 ta' Mejju 2007, aħna l-Kattoliċi Maltin u Għawdxin nitħeġġu biex:

- nikbru fil-qdusija, kemm fuq livell personali, familjari u komunitarju;
- niskopru mill-ġdid il-fidi tagħna f'Alla biex nogħġbuh f'kollox;
- inkunu ħbieb ta' l-Evanġelju- tal-Leħen il-Maħbub - billi nirriflettu fuqu u nimmeditawh;



- nfittxu li nitgħallmu tagħlim sod u san biex nissaħħu u nimmaturaw fil-fidi tagħna;
- nippromwovu kultura ta' verità u ġustizzja, b'ħajja koerenti ma' dak li nitgħallmu u ngħallmu;
- nifthu qalbna għal Alla f'relazzjoni ntima ta' talb biex nibqgħu ngħożżu l-fidi tagħna, nimmaturawha permezz tat-tagħlim u nsarrfuha f'ħajja impenjata favur is-sewwa u l-ġustizzja.

Bennie Mercieca

**IKUN IMBIEREK ALLA LI GĦOĠBU JURI MĦABBTU**
**LEJN IL-GŻEJJER MALTIN U GĦAWDXIN**
**BIL-KANONIZZAZZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA**







## Is-Sibt, 2 ta' Ġunju, 2007

Velja ta' Talb fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, f'Ruma. Iċ-Ċerimonja, li għaliha attendew fuq 3,000 pellegrin Malti u Għawdxi, kienet immexxija mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fil-preżenza ta' l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawl Cremona O.P., l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca, il-Postulatur tal-kawża Mons. Charles J. Scicluna u l-ogħla Awtoritajiet Ċivili Maltin.



*"L-attwalità tal-messaġġ ta' San Ġorġ Preca ħareġ ċar fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Kanonizzazzjoni ta' dan il-qaddis. Bir-raġun il-Papa sejjaħ lil San Ġorġ Preca: "It-tieni Missier ta' Malta fil-fidi." Spikkat il-figura profetika ta' Dun Ġorġ biex tkompli turi l-attwalità tiegħu quddiem l-ispirazzjoni li kellu li jifforma lajċi permezz tal-"Kelma". Dun Ġorġ kien ħabib ta' l-Evanġelju. Joqogħdu tajjeb għalih il-kelmiet ta' San Pawl: "Mhux jien ngħix, imma Kristu li jgħix fija" (Gal 2, 20). Il-ġrajja tal-Kanonizzazzjoni u l-miġja tar-Relikwija fil-Gżira tat-Tliet Għoljiet, bejn il-5 u s-6 ta' Ġunju 2007, tispirana għal impenn serju li ninbnew bħala komunità nisranija msaħħa u mogħnija bil-kelma t'Alla. Xi sfida profetika għalina lkoll! Tgħid lesti għal dan?"*

Arċipriet Carmelo Refalo - Xagħra
Koordinatur Attivitajiet Djoċesani Kanonizzazzjoni San Ġorġ Preca

*"Grazzja kbira minn Alla li jien kont preżenti wkoll. Mument indimentikabbli meta tlabna l-Angelus propju fis-sala fejn il-ħajja ta' San Ġorġ Preca kienet studjata u diskussa fil-fond! Il-velja ta' talb tas-Sibt u l-Kanonizzazzjoni tal-Ħadd offrewli esperjenza profonda ta' talb, kant u tifħir lil Alla, permezz ta' San Ġorġ Preca, pijunier ta' l-evanġelizzazzjoni fil-Gżejjer tagħna. Mhux li kien nimxu fuq il-passi tiegħu!"*

Mary Xuereb - Qala













# IL-KANONIZZAZZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA

**Il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, 2007, festa tat-Trinità Qaddisa**

Il-Kanonizzazzjoni ta' l-ewwel Qaddis Malti, fi Pjazza San Pietru, fil-Vatikan, mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, fil-preżenza ta' madwar tletin elf ruħ, fosthom aktar minn ħamest elef pellegrini Maltin u Għawdxin, f'xita kontinwa imma f'atmosfera ta' ferħ, entużjazmu, ċapċip u tixjir ta' bnadar u *banners* Maltin. Preżenti l-ogħla Awtoritajiet Ċivili Maltin.









### Mid-diskors tal-Papa dwar San Ġorġ Preca:

"Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta fil-gżira ta' Malta. Kien ħabib ta' Ġesù u xhud tal-qdusija li tiġi minnu. Kien Saċerdot kollu kemm hu ddedikat għall-evanġelizzazzjoni: bil-predikazzjoni, bil-kitba, bit-tmexxija spiritwali u l-amministrazzjoni tas-Sagramenti u, qabel kollox, bl-eżempju ta' ħajtu.

L-espressjoni tal-Vanġelu ta' San Ġwann "Verbum Dei Caro Factum Est" iggwidat dejjem l-ispirtu u l-ħidma tiegħu, u għalhekk il-Mulej seta' jinqeda bih biex iwaqqaf organizzazzjoni tant rakkomandevoli, is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija - Grazzi għall-impenn tagħkom! - li għandha l-għan li tiżgura lill-Parroċċi s-servizz kwalifikat ta' katekisti mħejjija tajjeb u ġenerużi.

Huwa kien ruħ profondament saċerdotali u mistika, imfawwar b'imħabba kbira lejn Alla, lejn Ġesu', lejn il-Verġni Marija u lejn il-Qaddisin. Kien iħobb jirripeti: "Sinjur Alla, kemm jien obbligat lejk! Grazzi Sinjur Alla, u aħfirli sinjur Alla!" Talba li nistgħu nirripetu aħna wkoll u li nistgħu nagħmluha tagħna.

San Ġorġ Preca jgħin lill-Knisja ħalli tkun dejjem, f'Malta u fid-dinja, l-eku fidil tal-vuċi ta' Kristu, l-Verb inkarnat."









Il-Papa qabel l-*Angelus*:.

*"Maħbubin ħuti fi Kristu, Maltin u Għawdxin, il-Paċi Magħkom. San Ġorġ Preca huwa l-ewwel iben kanonizzat ta' l-art ħelwa tagħkom.Huwa t-tieni missier tagħkom fil-fidi wara l-Appostlu San Pawl. Huwa jitlob dejjem għalikom biex tkunu tassew ħbieb ta' l-Evanġelju. San Ġorġ Preca, itlob għalina!"*









## It-Tnejn, 4 ta' Ġunju, 2007

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika ta' San Pietru, mmexxija mill-Arċisqof ta'Malta Mons. Pawl Cremona O.P. assistit mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca, il-Postulatur tal-Kawza ta' Dun Ġorġ Mons. Charles J. Scicluna, u minn madwar 200 Saċerdot Malti u Għawdxi. Aktar minn 2500 pellegrin Malti u Għawdxi ippateċipaw f'din il-Quddiesa solenni, l-ewwel waħda li qatt saret bil-Malti. Preżenti l-ogħla Awtoritajiet Ċivili Maltin.







*"Grazzi ta' l-impenn tagħkom." qal il-Papa lill-membri tal-M.U.S.E.U.M., f'kumment spontanju. Kien mument ta' ferħ spiritwali kbir għalija! Kemm il-Knisja hija konxja mill-ġid ta' l-opra ta' Dun Ġorġ. Din l-okkażjoni kienet għalija esperjenza ta' riflessjoni profonda sew bħala ċittadina Maltija kif ukoll bħala soċja tal-M.U.S.E.U.M. J'Alla nimita lil San Ġorġ Preca speċjalment billi nkun "ħabib tal-Evanġelju" u nagħraf nimxi fuq il-passi tal-"Leħen il-Maħbub" u nkun appostlu tal-Kelma ta' Alla.*

Antonia Sciberras - Xagħra

*Kelli ix-xorti kbira li kont preżenti l-Vatikan fil-mument li Dun Ġorġ Preca sar San Ġorġ Preca. Kien mument ta' emozzjonijiet profondi! Parti mportanti tal-formazzjoni tiegħi kienet fil-qasam tal-Mużew ta' Victoria. Għalhekk, kien mument fejn ħassejt rikonoxximent kbir lejn dan il-Qaddis u wliedu. Bdejt infittex fil-memorja dawk il-ġrajjiet u tagħlimiet li s-soċji kienu għallmuna b'tant għozza. Bdejt naħseb fuq il-futur ta' wliedi, u kemm nixtieq li jkunu xxurtjati bħali u fil-Mużew isibu dar oħra. L-aktar li ħassejtni kommoss kien fit-talba tal-Missierna; kien mument ta' għaqda kbira!*

Dr. Anton Grech - Psikjatra, Victoria





*"Kemm int ta' min iħobbok, o Sinjur Alla tiegħi!" Kliem Dun Ġorġ li min jaf kemm smajthom fil-Museum bħala soċju! Kemm ħassejtu qrib tiegħi lil Dun Ġorġ f'Jum il-Kanonizzazzjoni, daqskemm kien qrib tiegħi meta kellimtu personalment qabel ma dħalt is-Seminarju! Minn dejjem, żammejtu bħala Qassis mudell għalija, iżda, issa ferm aktar, bħala Qaddis!*

Dun Gorg Mercieca - Xewkija









# Ir-Relikwa ta' San Ġorġ Preca f'Għawdex

## It-Tlieta 5 u l-Erbgħa 6 ta' Ġunju, 2007

Wara l-ferħ għall-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca f'Ruma, kien xieraq li l-Poplu Għawdxi jilqa' bil-ferħ il-wasla tar-Relikwa ta' l-ewwel Qaddis Malti fil-Gżira ta' Għawdex, li ngħabet dierettament minn Ruma mill-Isqof tagħna Mons. Mario Grech. Ir-Relikwa żaret il-Parroċċi kollha ta' Għawdex u ġiet milqugħa b'ferħ u entużjażmu kbir. Il-qofol taċ-Ċelebrazzjoni kien it-Tlieta 5 ta' Ġunju, 2007 filgħaxija, meta saret translazzjoni bil-mixi bir-relikwa mill-Bażilika ta' San Ġorġ għall-Katidral, fejn saret Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, bħala radd il-ħajr lil Alla.





"*Minhiex tal-MUSEUM, għalkemm xrobt mit-Tagħlim ta' San Ġorġ Preca meta bħala tfajla kont nattendi l-Museum, kif ukoll mill-kotba tiegħu, speċjalment mill-Arloġġ ta' Talb. Ħassejt li ma stajtx ma nkunx Ruma fit-3 ta' Ġunju, 2007 biex mal-Knisja Universali nrodd ħajr lil Alla, li jurina b'mod l-aktar ċar x'jaf jagħmel ma' dawk li jħobbuh bil-verità! Il-Ħadd, Jum il-Kanonizzazzjoni, kienet esperjenza ta' Liturġija profonda, ta' preżenza ta' Alla fostna, aħna mas-Santissima Trinità tant qrib, tant ħaġa waħda! Ħassejt dak li jgħid San Pawl, "Fih ngħixu, Fih nitħarrku, Fih aħna." Ħassejt il-Knisja fis-Sema u dik fid-dinja, konna f'ċelebrazzjoni waħda ta' tifħir lil Alla, li l-għaxqa Tiegħu hi li jkun mal-bnedmin.*"

Maria Attard - Xagħra

"*Kemm ħadt pjaċir nitlob bi kliem Dun Ġorġ! Ċertu talb kont smajtu personalment mill-Fundatur meta kien għadu ħaj! Minkejja x-xita kontinwa matul iċ-Ċerimonja tal-Kanonizzazzjoni, jekk ma stajniex inċapċpu kif ridna, pero', qalbna kienet mimlija ferħ, speċjalment meta l-Papa pproklama l-kelmiet: SAN GIORGIO PRECA. Stħajjilt lill-Fundatur igħid: "Il-chiasso non fa bene e il bene non fa chiasso!" Ġrajja li żgur ma ninsiex, u li għextha fil-kumpanija ta' sħabi museumini, qalb waħda u ruħ waħda.*"

Leli Attard - Nadur



"*Kont preżenti Ruma għal esperjenza li ma ninsiha qatt! X'inhuma l-flus? X'inhuma s-sagrifiċċji tal-pellegrinaġġ, ħdejn dak li ħassejt? Mhux faċli tesprimih bil-kliem! Kellu raġun il-Papa jiddikjarah Qaddis f'Ruma għax, bir-raġun, San Ġorġ Preca kellu jkun mhux ta' Malta u Għawdex biss, imma tal-Knisja Universali! Ħassejt li San Ġorġ Preca għaqqad fi spirtu wieħed lill-Maltin u l-Għawdxin kollha, kienu fejn kienu. Tlabt għall-familja tiegħi u għall-familji kollha biex San Ġorġ Preca iżomm idejh fuqna lkoll.*"

Kav. Nazzareno Calleja - Xewkija









# Ir-Relikwa ta' San Ġorġ Preca f'Malta

## L-Erbgħa 6 u l-Ħamis 7 ta' Ġunju, 2007

Il-Ħamis, 7 ta' Ġunju, 2007 saret manifestazzjoni pubblika ta' radd il-ħajr fuq il-Fosos tal-Furjana li bdiet bi proċessjoni bir-Relikwa ta' San Ġorġ Preca mill-Konkattidral ta' San Ġwann, li għaddiet minn Triq ir-Repubblika sa fuq il-Fosos, immexxija mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawl Cremona O.P. u akkompanjat mill-Isqfijiet Mons. Ġużeppi Mercieca, Mons. A. Depasquale u Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex. Ħa sehem ukoll in-Nunzju Apostoliku Mons. Felix del Blanco Prieto. Ħadu sehem mijiet ta' saċerdoti Maltin u Għawdxin reliġjużi, fosthom il-Postulatur tal-kawza Mons. Charles J Scicluna. Preżenti l-ogħla Awtoritajiet Ċivili Maltin. Fuq il-Fosos saret konċelebrazzjoni solenni quddiem folla kbira ta' nies, fosthom aktar minn erba' mitt Għawdxi.



*"Il-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca kkonfermatli dak li ilni nitgħallem fil-MUSEUM sa minn meta kont għadni żgħira, cioe' li kulħadd huwa msejjaħ għall-qdusija. Dun Ġorġ ma sarx qaddis din is-sena; sar qaddis f'ħajtu! U tħabat biex sar qaddis. Il-Kanonizzazzjoni mlietni b'kuraġġ ġdid għax il-Knisja kkonfermat l-istil ta' ħajja li jgħixu dawk li huma msejħa għall-vokazzjoni Museumina. Barra dan, il-Kanonizzazzjoni fakkritni kemm hemm bżonn fiż-żmien tal-lum, aħna l-lajċi nifhmu li rridu nkunu dik il-ħmira u l-melħ, fl-għagħna tad-dinja, li jsemmi l-Vanġelu. Nemmen li Dun Ġorġ se jitlob għalija biex ġurnata għad inkun ħdejh!"*

Pauline Grech - Victoria








*"Okkażjoni li naħseb mhux ser nerġa' nara f'ħajti. Il-ferħ u l-entużjażmu li ħassejt żgur li jibqgħu tifkira sabiħa għalija. Għalina s-Soċji tal-M.U.S.E.U.M. kienet esperjenza unika! Il-fatt li konna grupp għinna nħossu aktar din l-okkażjoni permezz tat-talb u riflessjoni flimkien. Nemmen li Dun Gorg xeħet ħafna grazzji fuqna lkoll."*

John Attard - Xagħra



*"...U intom kontu miegħi!" Hekk kien iħobb igħid Dun Ġorġ lis-Soċji b'riferenza għad-dehra "stupenda" li Hu kellu qrib is-Salib tal-Marsa meta Ġesu' deherlu bħala tifel ta' tnax-il sena u kkmandah jombotta l-karetta li Hu kien qed jiġbed! Biċ-ċelebrazzjonijiet ta' talb u meditazzjoni li ħejjitilna s-Soċjetà tagħna tal-MUSEUM, bit-talb u kant ta' tħejjija u radd il-ħajr ppreparat mill-Kummissjoni Liturġika, kif ukoll, il-Liturġija qaddisa tal-Kanonizzazzjoni tat-3 ta' Ġunju, 2007 għinuni biex nistħajjel lil Dun Ġorġ igħidilna: "U jiena qiegħed magħkom! Imitaw lili kif jien imitajt lil Kristu!" Ħassejt spiritwalment li max-xita kontinwa, li tatna ħasla papali, kienet nieżla, wkoll, xita ta' grazzji mis-Sema! Għax kif kien igħid Dun Ġorġ, "Alla ma jafx ħlief iħobb!"*

Bennie Mercieca - Xewkija

***Grazzi lil John Attard, Raymond Bezzina, Joseph Xuereb u John Apap tar-ritratti li pprovdewlna.***